UK Government

# Is-sistema tar-Renju Unit ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti:

# Introduzzjoni għaċ-ċittadini tal-UE



# Is-sistema tar-Renju Unit ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti (points-based immigration system): Introduzzjoni għaċ-ċittadini tal-UE

Innota li "ċittadini tal-UE" msemmija f'din il-gwida għandha tinftiehem li tinkludi ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera. Dawk li jkunu residenti fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom japplikaw għall-EU Settlement Scheme u għandhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex japplikaw.

Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020. Il-moviment liberu bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropa ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020 u fl-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit implimenta sistema ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti li tagħti prijorità lill-ħiliet u t-talent aktar milli minn fejn ġejja l-persuna.

Jekk int ma kontx residenti fir-Renju Unit qabel il-31 ta' Diċembru 2020 u m'għandekx drittijiet taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, tkun teħtieġ tissodisfa rekwiżiti speċifiċi sabiex taħdem jew tistudja fir-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2021. Teħtieġ ukoll tgħaddi minn verifiki rilevanti, inklużi verifiki tar-Renju Unit dwar kriminalità. Tista' tkompli żżur ir-Renju Unit għal massimu ta' 6 xhur mingħajr ma tapplika għal viża u tista' tieħu sehem f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż għat-turiżmu, biex iżżur lill-familja u l-ħbieb, għal studju fuq terminu qasir u attivitajiet relatati man-negozju, bħal avvenimenti u konferenzi. Il-lista sħiħa ta' attivitajiet permessi għall-**viżitaturi** hija disponibbli fuq GOV.UK.

L-istatus taċ-ċittadini Irlandiżi jibqa' protett bħala parti mill-**arranġamenti taż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar**. Għaldaqstant, iċ-ċittadini Irlandiżi ma jeħtiġux permess biex jiġu fir-Renju Unit (ħlief f'numru ta' ċirkostanzi limitat ħafna), u b'riżultat ta' dan, mhumiex eliġibbli biex japplikaw taħt is-sistema l-ġdida ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti.



## EU Settlement Scheme

**Jekk kont residenti fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020, int u l-familja tiegħek għandkom tapplikaw għall-EU Settlement Scheme biex tkomplu tgħixu fir-Renju Unit wara t-30 ta' Ġunju 2021. Id-data ta' skadenza biex tapplika hija t-30 ta' Ġunju 2021.**

## Kif tapplika permezz tas-sistema ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti

Jekk eliġibbli, għandek tibda l-applikazzjoni tiegħek fuq GOV.UK. Tkun teħtieġ turi li tissodisfa l-kriterji rilevanti u tikseb l-għadd ta' punti meħtieġa għall-viża li qed tapplika għaliha. Hemm gwida dettaljata disponibbli għal kull rotta fuq GOV.UK.

Bħala parti mill-applikazzjoni tiegħek, teħtieġ tivverifika l-identità tiegħek. Il-biċċa l-kbira tan-nies jistgħu jagħmlu dan permezz ta' smartphone, permezz tal-app "UK Immigration: ID Check", bħala parti mill-applikazzjoni online. Dawk li ma jistgħux jużaw l-app "UK Immigration: ID Check" ikunu meħtieġa jattendu **Ċentru għall-Applikazzjonijiet għal Viża (Visa Application Centre)**. Hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar il-**proċess tal-applikazzjoni** fuq GOV.UK.

Tkun teħtieġ tħallas miżata tal-applikazzjoni u, jekk se tiġi fir-Renju Unit għal aktar minn 6 xhur, jista' jkun li jkollok tħallas il-**Ħlas Addizzjonali tal-Immigrazzjoni għall-Kura tas-Saħħa (Immigration Health Surcharge)**, biex tkun tista' taċċessa s-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali (NHS) tar-Renju Unit.

Iż-**żminijiet għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet** ivarjaw skont il-viża li qed tapplika għaliha u s-servizz disponibbli. Għandek tapplika u tirċievi konferma li rnexxielek qabel ma tivvjaġġa lejn ir-Renju Unit.

Persuni dipendenti jistgħu jimlew l-applikazzjoni tagħhom stess. Ċittadini tal-UE li ma jikkwalifikawx bħala **persuna dipendenti** taħt rotta għal viża tas-sistema bbażata fuq il-punti, jew taħt l-EU Settlement Scheme, ikunu meħtieġa japplikaw u jikkwalifikaw għal dħul jew soġġorn fuq l-istess bażi bħal ċittadini mhux tal-UE, permezz tar-regoli tal-immigrazzjoni għall-familji.

# Sabiex taħdem fir-Renju Unit

## Viża għal Ħaddiem b'Ħiliet (Skilled Worker visa)

Biex tkun eliġibbli għar-rotta ta' Ħaddiem b'Ħiliet, trid turi:

- li għandek offerta tax-xogħol minn sponsor liċenzjat mill-Home Office fil-livell ta' ħila meħtieġ
- li se titħallas il-limitu bażi tas-salarju minimu rilevanti mill-isponsor tiegħek (normalment £25,600 jew ir-rata attwali għall-impjieg partikolari tagħhom, skont liema hija l-ogħla)
- li taf titkellem bl-Ingliż f'livell intermedju ta' B1 (abbażi tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi).

Jekk se taqla' inqas minn £25,600 – iżda mhux inqas minn £20,480 – xorta għandu mnejn li tkun tista' tapplika billi "tinnegozja" punti għal karatteristiċi speċifiċi mas-salarju tiegħek. Pereżempju, jista' jkun li tkun tista' tinnegozja punti jekk:

- għandek offerta tax-xogħol f'okkupazzjoni fejn hemm nuqqas
- għandek PhD f'suġġett rilevanti għall-impjieg
- għandek PhD f'suġġett STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Matematika) rilevanti għall-impjieg
- int entrant ġdid (ir-rekwiżiti tas-salarju għal entranti ġodda se jkun 30% inqas mir-rata għal ħaddiema b'esperjenza fi kwalunkwe okkupazzjoni, sa limitu aktar baxx ta' £20,480).

**Applika għal visa għal Ħaddiem b'Ħiliet fuq GOV.UK.**



## Xogħol b'Ħiliet: viża għas-Saħħa u l-Kura (Health and Care visa)

Il-Gvern tar-Renju Unit jilqa' l-kontribut vitali li jagħtu t-tobba, l-infermiera u l-professjonisti tas-saħħa l-oħrajn minn barra l-pajjiż lill-NHS u lis-settur usa' tas-saħħa u l-kura.

Jekk int taħdem f'okkupazzjoni tas-saħħa eliġibbli u għandek offerta tax-xogħol mill-NHS, mis-settur tal-kura soċjali jew minn impjegaturi u organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi lill-NHS, taf titkellem bl-Ingliż u tissodisfa l-kriterji tar-rotta għal Ħaddiem b'Ħiliet, tista' tapplika għal viża għas-Saħħa u l-Kura biex tiġi fir-Renju Unit mal-familja tiegħek.

Hemm dħul rapidu, b'miżati tal-applikazzjoni mraħħsin u appoġġ apposta permezz tal-proċess tal-applikazzjoni. Jekk int eliġibbli biex tapplika għal Viża għas-Saħħa u l-Kura, int eżenti wkoll milli tħallas il-**Ħlas Addizzjonali tal-Immigrazzjoni għall-Kura tas-Saħħa**. Ħaddiema fruntaliera fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali li mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-Viża għas-Saħħa u l-Kura jkollhom iħallsu l-Ħlas Addizzjonali tal-Immigrazzjoni għall-Kura tas-Saħħa u jistgħu jibbenefikaw minn skema ta' **rimborż** fejn jitħallsu lura.

**Applika għal viża għas-Saħħa u l-Kura fuq GOV.UK.**



## Talent Globali

Il-viża għal Talent Globali (Global Talent visa) tippermetti lil dawk b'ħiliet ta' livell għoli ħafna biex jiġu fir-Renju Unit mingħajr offerta għal xogħol. Din il-viża hija maħsuba għal mexxejja rikonoxxuti, u l-mexxejja ta' għada fix-xjenza, ix-xjenzi umanistiċi, l-inġinerija, l-arti (inklużi films, disinn tal-moda u arkitettura) u t-teknoloġija diġitali, fejn il-ħiliet uniċi tal-individiwi jarrikkixxu l-għarfien, l-ekonomija u s-soċjetà tar-Renju Unit. L-aqwa xjentisti u riċerkaturi jibbenefikaw minn proċess ta' approvazzjoni aktar rapidu bħala parti minn skema STEM rapida.

**Applika għal viża għal Talent Globali fuq GOV.UK.**

## Rotot alternattivi għal viża tax-xogħol u okkupazzjonijiet speċjalizzati

Hemm firxa ta' rotot għal viża oħrajn disponibbli biex taħdem fir-Renju Unit, bħal viżi għal Start-up u Innovaturi (Start-up and Innovator visas). Hemm ukoll rotot għal viża għal okkupazzjonijiet aktar speċjalizzati, inklużi ministri tar-reliġjon, persuni sportivi u persuni kreattivi.

# Sabiex tistudja fir-Renju Unit

## Rotta għall-Istudenti (Student Route)

Ir-Renju Unit għandu settur tal-edukazzjoni ewlieni fid-dinja li jkompli jattira studenti b'talent u potenzjal għoli lejn l-universitajiet u fornituri tal-edukazzjoni ogħla oħrajn, kulleġġi għal edukazzjoni ogħla u tal-istudju tal-lingwa Ingliża, u skejjel indipendenti.

Biex tkun eliġibbli għar-rotta għall-istudenti, teħtieġ turi:

- li ġejt offrut post fuq kors minn sponsor tal-Istudenti liċenzjat mill-Home Office (Home-Office licensed student sponsor)
- li kapaċi titkellem, taqra, tikteb u tifhem bl-Ingliż
- li għandek biżżejjed flus biex issostni lilek innifsek u tħallas għall-kors tiegħek
- li ġenwinament għandek l-intenzjoni li tistudja fir-Renju Unit.

Aqra l-**gwida għall-istudenti** tagħna għal aktar informazzjoni dwar ir-Rotta għall-Istudenti. Tista' tapplika għal **Viża għall-Istudenti (Student visa)** fuq GOV.UK.

Hemm **rotta għal Studenti Tfal (Child Student route)** separata għal studenti tfal li għandhom bejn 4 u 17-il sena li jixtiequ jistudjaw fi skola indipendenti.

**Tista' tapplika għal Viża għall-Istudenti (Student visa) fuq GOV.UK.**

## Viża għall-Gradwati (Graduate visa)

Jekk jirnexxielek tikseb lawrea f'livell ta' Baċellerat jew ogħla fir-Renju Unit, tkun tista' tapplika għal viża għall-Gradwati biex tgħix u taħdem, jew biex tfittex xogħol, għal perjodu massimu ta' sentejn (3 snin għal studenti tal-PhD) wara li tlesti l-istudji tiegħek.

Il-viża għall-Gradwati se tiftaħ fis-sajf 2021 għall-istudenti internazzjonali li kienu sponsorjati minn Sponsor tal-Istudenti liċenzjat mill-Home Office li għandu rekord tajjeb ta' konformità mar-rekwiżiti tal-immigrazzjoni tal-Gvern tar-Renju Unit.

Mill-viża għall-Gradwati, tkun tista' tmur f'rotot għal viża differenti jekk għandek impjieg adatt offrut minn sponsor u tista' tissodisfa r-rekwiżiti tal-viża.

**Tista' ssib aktar informazzjoni dwar is-sistema ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti fuq GOV.UK.**

